(*Marì, mal-Pulizija, toħroġ mix-xellug*).

YOLANDA: Għaliex arrestajtuha lil Marì?

SPETTUR: Il-ħamrija li telgħet mill-ġnien u ċappset l-art bil-passi ta' ħalliel, kixfitilna l-qattiela tal-papà tiegħek.

YOLANDA: Min kienu?

SPETTUR: Karmnu seraq il-flus u Marì qatlet.

YOLANDA: (*tibki, tmur toqgħod bil-qiegħda*) Miskin il-papà.

TABIB: Id-dnub ma jorqodx, sinjorina.

SIPARJU.

---

## IL-KUNSILL TA' "IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI" GHAS-SNIN 1948-49

*Presidenti Onorarji:*

Mons. Dun Karm Psaila, D.Litt. (Hon. Causa);
Prof. Mons. Dun P. P. Saydon, B.Litt., B.L.Can, D.D., Lic.S.Script.;

Is-Sur Ġino Muscat Azzopardi;
Prof. Ġużè Aquilina, B.A., L.L.D., Ph.D. (Lond.);
Mons. Dun Pawl Galea, J.C.D.

*President:*

Il-Kav. Ġużè Galea, M.D., D.P.H.

*Viċi-President:*

Is-Sur Ant. Cremona.

*Segretarju:*

Is-Sur Ġużè Chetcuti.

*Teżorier:*

Is-Sur Victor Apap.

*Membri:*

Is-Sur Mario Agius;
Dun Frans Camilleri;
Patri Prov. Ġ. Delia, S.J.
Is-Sur George Ransley;
Is-Sur Erin Serracino Inglott;
Is-Sur Karmenu Vassallo;
Patri A. Xerri, O.F.M.;
Is-Sur Walter Zahra;
Is-Sur Godfrey Zarb Adami.



# Reċensjonijiet

## IL-MONS F.S. CARUANA — TFAKKIRA NAZZJONALI — Ta' M. Agius — Standard Press Malta. Pp. 20.

Dan il-*pampiet* jiġbor fih poeżija u sunett, ħajjet Mons. Caruana "fil-qosor", u l-programm tal-festi li saru f'egħluq il-mitt sena mill-mewt tiegħu.

Sabiħa l-idea li tfakkar ħajjet u għemil wieħed qalbieni f'għeluq iċ-ċentinarju tal-mewt tiegħu. Iżda kulħadd jaqbel li dan kien jixraq iżjed li jsir mill-Gvern. Il-Gvern, f'okkażjonijiet bħal dawn, għandu jieħu ħsieb minn żmien qabel, inidi konkors għall-aħjar bijografija tal-qalbieni, joħroġ bolla kommemorativa, jorganizza festi f'ġieħu u jwaqqaf xi tifkira nazzjonali. B'hekk nistgħu nuru lid-dinja li ma għadniex lura kif jaħsbuna.

L-aktar li laqtitna f'dan il-ktejjeb kienet il-ħajja ta' Mons. Caruana fil-qosor (pp. 11-15).

Il-bijografija tinġabar u tinkiteb mid-dokumenti u mhux minn *Elogio Funebre*, li wieħed predikatur hu mġiegħel jagħmel minn qrabat il-mejjet, biex jitla' fuq pulptu u jinseġ erba' kelmiet ta' tifħir. Qabel nintefgħu niktbu dwar suġġett, l-iktar jekk ikun xi bijografija, jeħtiġilna neżaminaw id-dokumenti kollha taż-żmien qabel xejn, niflu u ngħarblu sew kulma nkiteb s'issa, naraw x'intqal sew favur u kemm kuntrarju, u fl-aħħar, meta nkunu dammejna kollox, mhux niġbdu konklużjoni, iżda niktbu l-fatti kif inhuma. Kliem żejjed, ħafna tifħir bla sugu, ma baqax lokhom. Qabel illaqqmu lil xi ħadd bl-isem ta' qalbieni, diplomatiku, traditur, raġel tajjeb jew mill-agħar, u ħafna aġġettivi oħra, jeħtieġ naħsbuha tajjeb aktar minn darbtejn.

Il-magħruf awtur Trevelyan għadu kemm kiteb artiklu fil-*History*, vol. XXXII, no. 115, March 1947, dwar dan li qed niktbu. Il-ħabib tagħna Marju Agius donnu ma jagħmilx differenza bejn il-kelma kanonku u l-oħra ta' Monsinjur. Caruana beda jissejjaħ Monsinjur meta laħaq Isqof ta' Malta, 1831, u qatt qabel. Ukoll wara, hu baqa' jikteb Kanonku, aktarx għaliex hekk kien magħruf ma' kulħadd. Dak iż-żmien il-kanonċi tal-Kattidral ma kinux jissejħu monsinjuri.

Fuq il-ġrajja ta' żmien il-waqgħa ta' l-Ordni ta' San Ġwann jidhrilna li l-awtur ma għarafx jagħti tagħrif tagħha skond il-ħaqq. U meta wasal biex jikteb dwar il-ftehim ma' l-Ingliżi, Agius ħawwad daqsxejn il-fatti.

Din il-ħajja fil-qosor fiha ħafna asserzjonijiet tal-kittieb li huma kontroversjali, u li aħna ma nistgħux nikkritikaw dettaljatament f'din ir-reċensjoni tal-"Malti" mħabba l-wisa'.

Il-bibljografija li tana Agius ma tantx tidher li hi magħmula bir-reqqa. Ħafna mill-kittieba li hemm imsemmija mhumiex ta' valur storiku. *The French in Malta* ma jeżistix: hemm iva l-pubblikazzjoni *Acts and Documents of the French Occupation of Malta*, H. P. Scicluna, Empire Press, 1932.

Mhux biżżejjed li niktbu li *Caruana kellu, bħal kull bniedem ieħor, in-nuqqasijiet u aktarx l-ambizzjonijiet tiegħu ukoll li jekk m'humiex ta'*